Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 391/2003

**Pulizija**
**(Sp Carmelo Bartolo)**
**vs**
**MOHAMED MUFTAH EMHEMED HASSEN**

**Illum 21 ta’ Mejju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mohamed Muftah Emhemed Hassen, ta’ 30 sena iben Moftah u Slima nee’ Lifgi, imwieled Tripoli, Libja, nhar l-1 ta’ Nobembru 1973 u li joqghod 55, Flat 1, Triq il-Palma, Rahal il-Gdid, u li ghandu karta tal-identita bin-numru 22019(A), gie akkuzat:-

Talli fil-Belt Valletta nhar l-4 ta’ Frar 2003, ghal habta tas-6.50 ta’ filghaxija kkommetta serq ta’ oggetti u cioe


Qrati tal-Gustizzja

ggieget, ikkwalifikat bil-hin, liema serq sar ghad-detriment ta’ Mario Difesa minn tas-Sliema.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok CB1 u nnutat li l-Imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Nnutat ukoll li l-Imputat ammetta l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba ta’ ammissjoni ta’ l-Imputat u ghall-fini li tigi segwita l-procedura korretta, tat lill-imputat Mohamed Muftah Emhemed Hassen ftit taz-zmien biex jekk irid jerga lura mill-ammissjoni tieghu. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk l-imputat iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew jirtiraha, l-imputat wiegeb li qed jammetti l-akkuza.

Nnutat ukoll li fil-verbal tas-seduta ta’ llum l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Carmelo Bartolo ddikjara li l-imputat kkopera mal-pulizija. Innutat ukoll li x-xhud Mario Difesa ddikjara bil-gurament li l-ammont ta’ ggieget li gew misruqa lilu huma fl-ammont ta’ Lm49.75.

Nnutat li Dr. Vincent Galea ghall-Imputat ddikkjara li l-Imputat qed jaccetta c-cifra ta’ Lm49.75 bhala l-valur tar-refurtiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-Imputat Mohamed Muftah Emhemed Hassen, fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputat, hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u dan skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fedina penali netta ta’ l-Imputat, il-fatt li l-Imputat kkopera mal-pulizija u li l-Imputat ammetta fl-istadju bikri

tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-Imputat Mohamed Muftah Emhemed Hassen ghall-piena ta’ tmintax(18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-Imputat Mohamed Muftah Emhemed Hassen jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

In oltre il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-Imputat Mohamed Muftah Emhemed Hassen sabiex fi zmien hames xhur millum ihallas lid-derubat Mario Difesa is-somma ta’ Lm49.75.

Finalment, il-Qorti qed taghti lill-Imputat Mohamed Muftah Emhemed Hassen l-ispjegazzjonijiet preskritti fl-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------